MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 114/2003

**Maltacom plc**

**vs**

**Mario Gauci**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ erba’ mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm422.56) in kwantu ghas-somma ta’ disgha u sebghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm79.39c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21435302 (qabel kien 21416703), is-somma ta’ mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm254.35) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 416490 u s-somma ta’

tmienja u tmenin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm88.82) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21563823, liema servizzi gew installati fuq talba tal-konvenut kif jidher mill-kopja tas-service agreements relattivi li qed jigu hawn annessi u immarkati bhala Dokument ‘A’, ‘B’, u ‘C’.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontro l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut ma pprezentax risposta izda deher waqt is-smiegh tal-kawza biex jikkontesta t-talba.

Sema’ l-provi;

Ra l-verbal tas-17 ta’ Dicembru 2003 li permezz tieghu is-socjeta’ attrici tablet lit-Tribunal jiddeciedi l-kawza skond it-transazzjoni pattuwita bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut biex ihallasha s-somma ta’ LM422.56 pagabbli LM28 fi zmien tlett ijiem mid-data ta’ din is-sentenza u l-bilanc jithallas b’rati ta’ LM10 mensili, bl-ispejjez inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u b’dan li kemm-il darba l-konvenut jibqa’ moruz f’xi pagament il-bilanc kollu allura mhux imhallas isir dovut kollu minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------